

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Wizz Air Hungary Légiközlekedési Zrt. (Wizz Air Hungary Zrt.) hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 148, 26.4.2021.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-29 ta' Marzu 2023 – Plusmusic vs EUIPO – Groupe Canal + (+music)

(Kawża T-344/21) (¹)

(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta’ oppożizzjoni – Applikazzjoni għal trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea +music – Trade mark figurattiva nazzjonali preċedenti + – Raġuni relattiva għal rifjut – Nuqqas ta’ probabbiltà ta’ konfużjoni – Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 – Karattru distintiv imsaħħaħ tat-trade mark preċedenti akkwistat permezz tal-użu”)

(2023/C 179/39)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Plusmusic AG (Dietikon, l-Isvizzera) (rappreżentanti: M. Maier u A. Spieß, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: D. Gája, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Groupe Canal + (Issy-les-Moulineaux, Franza) (rappreżentanti: M. Georges-Picot u C. Cuny, avukati)

Suġġett

Bir-rikors tagħha abbażi tal-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti titlob l-annullament parzjali tad-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tas-16 ta' April 2021 (Każ R 1236/2020-5).

Dispożittiv

- 1) Id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tas-16 ta' April 2021 (Każ R 1236/2020-5) hija annullata sa fejn tikkonkludi li teżisti probabbiltà ta' konfużjoni għall-prodotti u għas-servizzi inklużi fil-klassijiet 11, 25, 35, 37 u 42.
- 2) Ir-rikors huwa miċħud għall-bqija.
- 3) Plusmusic AG, l-EUIPO u Groupe Canal + għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom stess.

(¹) ĠU C 329, 16.8.2021.